MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 87/2024-8**

**It-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

**87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

87.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri li ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji pero li l-Viċi Sindku, Sandra Grech ser tittardja.

**87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

87.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 86/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

87.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

87.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk dawn il-minuti ġew approvati.

**87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

87.3.1 Is-Sindku, Dr Marlene Cini nfurmat lil membri li saret applikazzjoni ma' l-Events Unit għal fondi kulturali għal Jum iż-Żebbuġ 2024. Il-Kunsill ser jingħata €2,500. Il-membri qablu illi jiġi ordnat in-Nar li jinħaraw fit-28 t'April 2024 filgħodu u l-budget ikun ta' €1,500 li jinkludu l-permessi meħtieġa u l-insurance.

87.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-membri li minn Miżura 4.3, Triq ta' Tuttiet hija lesta. Triq ta' Ħluq ser jibda x-xogħol fuqha l-ġimgħa d-dieħla, peress li ried isir il-ftehim ma sid ir-razzett li jinsab fiż-żona u Triq is-Sagħtrija ser titkompla.

87.3.3 Infurmat lill-membri li l-West-End Playing Field fil-Qbajjar Promenade lest mill-pavimentar u ser jibda jitwaħħal l-Playing Field Equipment. Hu stmat li sal-bidu t'April dan ikun lest.

87.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri li saret laqgħa mas-sidien tar-restoranti tal-Menqa, Marsalforn nhar l-14 ta' Marzu 2024 fejn ġie ddikjarat minnhom li l-ħinijiet huma l-istess kif kienu proponew qabel. Barra minhekk intbgħatet email mill-GTA b'dawn il-ħinijiet. Il-Kunsill bgħat lil Transport Malta din il-korrispondenza bħala Awtorita' li trid tbiddel dawn it-tabelli.

87.3.5 Is-Sindku qalet li l-eżitu tal-laqgħa li saret ma' l-Għaqda tan-Nar nhar l-20 ta' Marzu 2024 ser tiġi diskussa f'minuta Nru 87.5.

87.3.6 Rigward il-Bye-Law għal Bajja tax-Xwejni, is-Sindku proponiet u l-membri qablu li din tiġi mħejjiha mill-Avukat Joseph Grech peress li diġa ħadem fuq Bye-Law simili.

87.3.7 Proponiet u l-membri qablu li nhar il-Ġimgħa l-Kbira, l-Kunsill jagħmel kunċert fil-Knisja Parokkjali b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija. Din il-kollaborazzjoni se tkun ta' €1,000.

87.3.8 Rigward il-floodlights minħabba l-purċisjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, l-membri qablu li dawn jiġu proviżorjament imwaħħla u jitpoġġew wkoll l-barriers. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex isir il-patching neċessarju fil-Pjazza. Il-membri qablu

*Il-Viċi Sindku, Sandra Grech skużat ruħha li ttardjat u daħlet fil-16.15 ta' filgħaxija.*

## 87.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

87.4.1 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech resqet dawn il-punti:-*

87.4.1.2 Talbet sabiex tintbgħat tfakkira lil Transport Malta rigward id-double yellow lines ta' Triq Kappillan Vella.

87.4.1.3 Proponiet u l-membri qablu li jsiru parking bays tul Triq Santa Marija faċċata tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li għandu jitħejja Traffic Management mill-Perit tal-Kunsill u tintbgħat talba lil Transport Malta.

87.4.1.4 Rigward I Love Marsalforn staqsiet inġabrux kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata illi jekk issir tal-perspex ta' ħxuna 30mm tiġi tiswa' l-fuq minn €5,000 u dan mingħajr il-base ta' taħt ta' l-istainless steel. Il-membri qablu li għandhom jinġabu wkoll kwotazzjonijiet għal marine plywood ukoll sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi. Qablu wkoll illi l-Kunsill japplika għal fondi kulturali sabiex din issir.

87.4.1.5 Talbet sabiex tintbgħat tfakkira lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward il-Ġnien tat-Tlett Għoljiet. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu miżmum tajjeb pero hemm bżonn li jinbidel l-Playing Field Equipment u s-safety flooring.

87.4.1.6 Staqsiet kif se nibqgħu fuq iz-zebra crossing ta' fejn il-Crystal Palace fi Triq ir-Rabat.

87.4.2 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

87.4.2.1 Informa lill-membri li hemm bankina fi Triq Skapuċċina fiha żewġ madumiet imneżżlin. Il-membri qablu li jintbgħat l-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa.

87.4.2.2 Talab sabiex it-tyres ta' ma' l-islipway tal-Qbajjar jeħlu malajr kemm jista' jkun. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li dawn ma twaħħlux fix-Xitwa biex ma jsirilhomx ħsara matul ix-xhur tal-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-kuntrattur sabiex iwaħħalhom mill-aktar fis possibli.

87.4.2.3 Staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta rigward it-terrapien li nxeħet fil-Wied tal-Ħamra. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi ġie avviċinat min għamel dan ir-reat u mistenni li malli jeħles ix-xogħol li qed jagħmel fl-għalqa tiegħu dan jitneħħa u l-wied jerġa jiġi fl-istat oriġinali tiegħu.

87.4.2.4 Ġibed l-attenzjoni sabiex tinżabar is-sigra li hemm l-isfel miċ-ċimiterju fi Triq l-Imgħallem peress li perikoluża għas-sewwieqa. Il-membri qablu li jintbgħat il-kuntrattur J. Attard biex jiżborha.

87.4.2.5 Talab sabiex issir tfakkira fuq iż-żewġ bozzoz li kellhom jeħlu ma arbli ġa eżistenti fi Triq Skappuċċina. Talab ukoll u l-membri qablu sabiex il-bozza ta' Triq Dun Karm Cachia tiġi maqlugħa minn fejn hi u minflok titwaħħal ma' Diego Court peress li l-Kunsill ġa għandu l-permess tas-sid li titwaħħal.

87.4.2.6 Staqsa għaliex għadha ma saritx ir-rampa li kellha ssir fi Triq Wied l-Abjad. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi meta kien ser isir dan ix-xogħol irċeviet telefonata anonima illi dan ix-xogħol ser isir fil-privat u għalhekk kienet hi li waqfet dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Nicky Saliba oġġezzjona għal dan u qal li kien hemm rampa fil-passat li meta saret it-triq ingħalqet. Is-Sindku nfurmatu li mhu ser isir ebda xogħol li jkun fil-privat. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li ser ikellem lil Ministeru sabiex din issir minn naħa tagħhom.

87.4.2.7 Staqsa meta ser jibda jsir ix-xogħol ta' restawr fuq il-kanuni li hemm fi Pjazza l-Assunta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi ħarġet skema mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar fejn il-Kunsill għandu japplika sabiex isiru minn dawn il-fondi. Qaltlu wkoll li skond il-Perit qabel ma jsir xi tip ta' restawr fuqhom iridu jinġabu l-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti. Il-membri qablu.

87.4.2.8 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil M. G Caruana sabiex jagħti s-sealer fuq il-bankina tal-promenade li hemm fejn iż-Żebbuġ Playing Field.

87.4.2.9 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex isir ir-*rock bolting* neċessarju fi Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li ssir stqarrija mill-Kunsill f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina qabel mal-proposta tal-Kunsillier Baskal Saliba u propona wkoll li ssir stqarrija wkoll rigward il-crash barriers li kellhom jeħlu fi Triq l-Imgħallem. Il-Kunsillier Nicky Saliba ma qabilx li ssir stqarrija. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Kunsill ġie mwiegħed ħafna xogħol li ser isir mill-MGP pero qatt ma saru. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li jekk jitla ħajt tas-sejjiegħ minn kantuniera għal oħra dan jorbot is-sies. Il-Kunsillier Daniel Cordina oppona għal dan għax qal li t-triq qed iċċedi minn mal-bini u għalxejn jinbena l-ħajt. Barra minhekk fakkar li din hija responsabilita' tal-Ministeru għalhekk il-membri qablu li tintbgħat tfakkira lill-MGP.

87.4.2.10 Propona u l-membri qablu li jsir il-patching neċessarju fi Triq il-Qbajjar, Triq il-Qbajjar fejn ir-razzett, Triq Manwel Magro, il-pjazzetta ta' Għar Qawqla u Triq il-Ponta. Ser issir talba lill-MGP.

87.4.2.11 Staqsa x'kien ġara rigward il-proposta li l-parkeġġ ta' Triq Għar Qawqla minflok isir in-naħħa tar-railing sabiex ma jintilfux parkeġġi minħabba l-garaxxijiet. Is-Sindku nfurmatu li fuq korrispondenza tal-Perit qal li ma jkunx hemm wisgħa biżżejjed biex il-karozzi li jkunu ħerġin mill-garaxxijiet iduru. Il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni sabiex issir tfakkira lil Gozo LC Works sabiex il-kaxxi tal-parkeġġ jinżebgħu kollha skont it-Traffic Management plan li hi approvata minn Transport Malta.

87.4.2.12 Staqsa fejn ser isir ir-riċeviment ta' Jum iż-Żebbuġ. Is-Sindku nfurmatu li dan ser isir fil-Każin tal-Banda Santa Marija bħas-sena l-oħra.

87.4.3 *Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

87.4.3.1 Informa lil membri li l-Playing Field taż-Żebbuġ għadu nofsu mitfi. Talab ukoll sabiex jintbgħat ħaddiem tal-Kunsill biex jissukka l-bolt ta' l-arblu li hemm mgħawweġ fl-istess playing field.

87.4.3.2 Propona sabiex jinbnew żewġ ħitan tal-kantun fi Triq Ta' Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv li diġa inġabu l-permessi meħtieġa mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'dan ir-rigward għalhekk il-membri qablu li tinġab kwotazzjoni mingħand JP Saliba għal bini ta' dan il-ħajt.

87.4.3.3 Talab sabiex tingħata tfakkira lil kuntrattur tad-dawl R. Cauchi biex iwaħħal malajr kemm jista' jkun l-arbli għal pedestrian crossing fil-bidu ta' Triq Santa Marija.

87.4.3.4 Talab sabiex jibdew jinbidlu u jeħlu t-tabelli tat-traffiku u fil-bajjiet f'Marsalforn peress li dieħel is-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li qed tiġbor kwotazzjonijiet sabiex minflok tal-ħadid li kull sena qed ikollhom jinbidlu minflok isiru tal-PVC forsi jservu aktar. Il-membri qablu.

87.4.3.5 Talab sabiex teħel mera tat-traffiku f'Wied l-infern fil-kantuniera peress li reġgħet insterqet. Il-membri qablu

87.4.3.6 Propona u l-membri qablu sabiex disabled bay li hemm fi Triq Barda u li ma għadhiex tintuża tiġi mħassra.

87.4.3.7 Il-Kunsillier Cordina talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex il-Kunsill japplika għal iskema SPI/SCI/06/2024 – Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES). Il-membri qablu li japplikaw għal cleaner fuq bażi full-time.

87.4.3.8 Propona u l-membri qablu sabiex jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Triq il-Kaċċaturi. Dawn għandhom jinxtraw mingħand Agri and Pet Supplies.

87.4.3.9 Talab sabiex jinbena ħajt tal-kantun minn Triq Kaċċaturi sa Triq is-Saġħtrija. Il-membri qablu li għandha tinġab kwotazzjoni mingħand M. Spiteri, J. Zammit u MG Caruana.

87.4.3.10 Rigward it-taraġ ta' Barda, il-Kunsillier Cordina nforma lil membri li ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill fuq il-post u qal li hemm possibilta' li toħroġ rampa. Il-Perit hu mistenni li jissottometti l-pjanti meħtieġa. Il-membri qablu li dejjem għandhom jiġu kkonsultati r-residenti qabel ma jsir xi tip ta' xogħol.

87.4.4 *Il-Kunsillier, Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

87.4.4.1 Talab sabiex isiru dawn it-tfakkiriet:

- Il-ħajt li kellu jinbena fi Triq ix-Xagħra - Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.
- Il-floodlight li kellha teħel fi Pjazza San Pawl kantuniera ma Triq is-Sajjied - R. Cauchi.
- Patching fi Triq ix-Xaghra - Gozo LC Works.
- Traffic Management ta' Triq Għajn Mhelhel - Perit tal-Kunsill.
- Railing fi Triq Għajn Mhelhel - J. Hili.

87.4.4.2 Talab sabiex isir konkos taħt tarġa ta' bankina fi Triq ta' Barda. Il-membri qablu li x-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

87.4.3.3 Talab sabiex jiżdiedu żewġ litter bins fil-Wied ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

87.4.3.4 Propona u l-membri qablu sabiex jingħata patching bil-konkos fi Triq Miġiel il-Baħar. Ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

87.4.3.5 Propona u l-membri qablu li jsir yellow line il-barra mill-bank fejn il-Bus Stop tal-Qbajjar fi Triq Santa Marija.

87.4.3.6 Talab sabiex jinġab il-permess minn Transport Malta għal 2 sleeping police oħra fi Triq il-Wied u dan peress li hemm ħafna tul. Il-membri qablu.

87.4.3.7 Talab u l-membri qablu li jsir 1m double yellow line fejn daħla għal garaxxijiet fi Triq in-Naħla.

87.4.3.8 Propona u l-membri qablu li tiżdied bozza ġdida fuq arblu ġa eżistenti fi Triq is-Salini.

87.4.3.9 Talab sabiex Triq ix-Xagħra tinkines sa fuq nett jiġifieri sa fejn il-Qortin. Għandhom jiġu nfurmati b'dan il-ħaddiema tal-Public Cleansing.

87.4.3.10 Propona u l-membri qablu sabiex jinxtraw 2 banners sabiex jitwaħħlu meta jsir il-logħob taż-Żebbuġ Rovers.

87.4.3.11 Talab sabiex jinżebaħ single yellow line quddiem bieb ta' garaxx li ma jintużax bħala garaxx fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

87.4.3.12 Propona u l-membri qablu sabiex fi Triq iċ-Ċaqra jitwaħħal bank. Il-membri qablu li dan ukoll għandu jinxtara mingħand Agri and Pet Supplies.

87.4.3.13 Talab sabiex il-ħajt tal-kantun fuq il-wied ta' Marsalforn li kien ser jinbena minn M Portelli minflok jinbena minn MG Caruana. Il-membri qablu li qabel għandha tinġabar kwotazzjoni.

87.4.3.14 Propona u l-membri qablu sabiex issir laqgħa mal-Perit fuq il-post sabiex iż-żebra crossing ta' fejn il-Crystal Palace jinstabilh post alternattiv.

**87.5** **Festa Santa Marija - Żebbuġ 2024**

B'referenza għal laqgħa nformali li saret bejn il-membri tal-Kunsill ġie deċiż li bħal ta' kull sena se jsiru dawn il-kollaborazzjonijiet mal-għaqdiet sabiex jittellew attivitajiet matul il-ġimgħa tal-festa tar-raħal:

| Għaqda | Attivita' | Kollaborazzjoni € |
|---|---|---|
| Armar | Armar fil-gimgħa tal-Festa | 2,500 |
| Armar | Xiri ta' energy efficiency bulbs għall-festuni tal-festa | 1,000 |
| Parroċċa | Attivitajiet Reliġjużi | 3,000 |
| Banda | Kunċert fil-Pjazza | 2,500 |
| Żagħżagħ | Briju u Feature | 2,500 |
| Nar | Attivita' fil-pjazza u permessi meħtieġa | 6,000 |
| Nar | Show tal-karti fil-Pjazza | 1,500 |
| Żebbuġ Rovers | Attivita' fil-pjazza | 2,500 |
| Kor | Kunċert fil-Knisja | 1,000 |

Il-membri qablu wkoll sabiex isir il-qtugħ tal-ħaxix mill-lokalita' bħas-snin ta' qabel mill-4 għaqdiet li huma tal-Futbol, tal-Banda, tan-Nar u ta' l-Armar. Il-Kunsill jagħti extra €2,000 kull għaqda għal dan ix-xogħol. Qablu wkoll li wara li nġabret kwotazzjoni mingħand l-Għaqda tan-Nar biex jieħdu ħsieb it-tourisim zones li tammonta għal €3,000.

Rigward il-ħasil tat-toroq u l-pjazza fil-ġimgħa tal-Festa l-membri qablu li għandhom jitqabbdu l-ħaddiema tal-Kunsill (CWS) dejjem jekk jaċċettaw u jitħallsu €500 kull wieħed. It-tindif isir it-Tlieta, l-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt, l-Ħadd wara l-marċ ta' filgħodu u bejn il-Ħadd u t-Tnejn wara l-festa. Qablu wkoll li jsir il-ħasil neċessarju bil-bowser. Qablu wkoll li jitqabbdu uffiċċjali tal-LESA waqt il-festa.

**87.6** **Materji Oħra**

87.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet korrispondenza mill-PA rigward PC0061/23. Il-Kunsill innota l-kontenut.

87.6.2 Talba mingħand K. Grech sabiex titwessa' l-parti ta' fuq ta' Triq ta' Ċenċ. Dan lest li jagħti pied mill-għalqa tiegħu sabiex tkun tista' titwessa'. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward u jiġi vverifikat x'permessi hemm bżonn mill-PA.

87.6.3 Talba mingħand sidien ta' restoranti fi Triq il-Port f'Marsalforn. Dawn talbu sabiex il-passaġġ ma jkunx fuq in-naħħa ta' barra tal-bankina, kif inhu fil-masterplan imma l-passaġġ ikun maġenb il-parapetti. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-Kunsill m'għandu ebda awtorita' fuq din u fakkar li l-Kunsill ma jista' jieħu ebda deċiżjoni f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-Kunsill għandu jressaq l-ilment tar-residenti għal attenzjoni ta' l-Awtorita' kompetenti. Is-Sindku fakkritu li l-masterplan sar mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u mhux mill-Kunsill. Il-Kunsiller Cordina sostna li x'ħin joħroġ ir-resident minn daru qed isib l-imwejjed ma wiċċu peress li l-passaġġ jinsab fuq in-naħħa ta' barra. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li jekk is-sidien tar-ristoranti jridu li jibdlu l-masterplan imorru huma għand l-MGP bħal ma dejjem għamlu. Il-Kunsillier Cordina sostna li l-Kunsill għandu jressaq l-ilment f'isem il-poplu. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li proposta bħal din lanqas messa tressqet biss għal attenzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni bejn il-membri dan l-ilment tressaq għal vot tal-kamra. Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li l-Kunsill għandu jieħu nota ta' xi jridu s-sidien tar-ristoranti u tintbgħat it-talba tagħhom lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u hekk il-Kunsill ma jieħu ebda pożizzjoni. It-talba ssir f'isem ir-ristoranti u mhux f'isem il-Kunsill. Is-Sindku u Baskal Saliba qalu li l-Kunsill għandu jgħaddi l-korrispondenza tas-sidien tar-ristoranti lil MGP. Il-Viċi Sindku u Nicky Saliba qalu li l-Kunsill m'għandhux jidħol f'din il-kwistjoni waqt li l-Kunsillier Daniel Cordina ddikjara li hu jaqbel mal-proposta tas-sidien tar-ristoranti għax hu ta' ġid anke għar-residenti.

87.6.4 PA/04590/22 – biex jitwaqqa agricultural store u minflok jinbena b'layout differenti, ssir ġibja u jinbnew ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il-Kanun. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba qalu li l-Kunsill għandu jħallu l-Awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu huma. Il-Kunsillier Nicky Saliba qabel ma' din l-applikazzjoni waqt li l-Kunsillier Daniel Cordina oġġezzjona għal din l-applikazzjoni.

87.6.5 Talba mingħand J. Farrugia sabiex isiru double yellow lines mill-ewwel bus stop li hemm fi Triq Santa Marija sa fuq l-Otters peress li dik il-parti tat-triq hi dejqa. Il-membri qablu li ssir traffic management mill-Perit tal-Kunsill. Talab ukoll sabiex issir bankina n-naħħa tar-railing.

87.6.6 Talba mingħand M. Xuereb ta' Triq il-Lampuka fejn talab lil Kunsill sabiex jiksi bit-tarmac quddiem id-dar tiegħu peress li l-bini kellu jiġi rtirat l-ġewwa. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Daniel Cordina qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works waqt li l-Kunsilliera Nicky Saliba u Baskal Saliba qablu li din għandu jagħmilha l-Kunsill.

87.6.7 Proposta mingħand J Cremona sabiex jitħawlu pjanti fil-pots li hemm fuq l-Otters. Il-membri qablu li dawn jinxtraw mill-farm tal-gvern.

87.6.8 Petizzjoni minn għand 4 persuni li għandhom ir-raba f'Wied l-Għażż (limiti tal-Qbajjar) sabiex jinkesa bil-konkos gandott kbir għax perikoluż. Il-Kunsillier Nicky Saliba jekk mill-Kunsill sarx xi diskors li din ser issir bil-konkos. Is-Sindku qalet li dak hu wied u ma jistax isir bil-konkos. Il-Kunsillier Cordina qal li jekk toħroġ xi skema jew miżura l-Kunsill għandu japplika sabiex jirranġah. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li meta kien Sindku hu, kienet tressqet talba simili pero wara li saru l-verifiki meħtieġa kien ġie nfurmat sabiex l-Kunsill ma jieħu ebda' azzjoni minħabba l-inkwiet. Sostna li hu dejjem ta' l-appoġġ tiegħu fejn hemm bżonn.

87.6.9 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li ħarġet skema fejn il-Kunsill jista' japplika mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u l-Eco Gozo għal restawr u rejuvenation and greening of urban alleyways. Din tagħlaq fid-9 ta' Mejju 2024. Il-membri qablu li r-restawr tal-kanuni isiru taħt din l-iskema. Qablu wkoll li Triq ta' Ċaqra tiġi miksija bil-porfido, jeħlu xi bankijiet, jitpoġġew xi qsari u jeħel telescope sabiex wieħed ikun jista' jgawdi lil Sqallija.

87.6.10 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li nħarġu dawn l-offerti u hemm bżonn li jinħatar bord:
ZGLC/04/2024 - Services - Tender for the Provision of Lights Services (including stage roof canopy) for the Colours of Spring Festival ; u
ZGLC/05/2024 - Services - Tender for the provision of sound services for Colours of Spring Festival.
Il-membri qablu li l-bord għandu jiġi kompost minn W. Sultana - chairman, D. Galea, Inġ. M Cauchi u Av. S Magrin - membri waqt li O. Camilleri - Segretarja.

87.6.11 Is-Seg. Eżekuttiv ressqet għal attenzjoni tal-membri r-rapport t'Evalwazzjoni ta' ZGLC/CFQ/01/2024 - Request for Quotations for Orchestra Setting and Performance Service for an Open Air Concert. Il-membri qablu mal-proposta tal-bord u din tingħata lil Mro Joseph Grech.

87.6.12 L-offerta ta' Works Tender for the supply, installation, testing and commissioning of energy friendly LED in pavement colour changing illuminators ser ikollha terġa toħroġ peress li l-offerant instab li mhux complaint. Ser jitqabbad l-Inġ. S Mizzi sabiex iħejji u jiċċekja il-litrature u l-ispecifications.

87.6.13 Korrispondenza mill-PA rigward ksur tal-kontrol ta' l-ippjanar f'sit fi Triq Għar Qawqla u Triq is-Salini. Il-membri nnotaw il-kontenut.

87.6.14 Emejl fejn persuna qed toġġezzjona għal bini ta' villa ta' 3 sulari f'Ta' Tuttiet. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma biex tirraporta lil Awtorita' kompetenti f'dan ir-rigward u tieħu l-passi meħtieġa.

87.6.15 Suġġeriment mingħand C. Farrugia sabiex issir wooden walkway fix-Xwejni għax il-moll jiżloq. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works u jintalab sabiex isir l-istess fuq il-moll fejn tal-boċċi fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Is-Sur Farrugia talab ukoll sabiex jinbena ħajt taħt il-gabbana li hemm fil-Bajja tax-Xwejni peress li t-trab qed iċedi u jitranġa l-passaġġ fejn il-gabbana ħalli tkun aktar faċli li wieħed imur il-latrina. Qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

87.6.16 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet kwotazzjonijiet għal solar lights baxxi fi Triq Għajn Mhelhel mingħand S. Sultana. Il-kwotazzjoni għal 6 fanali baxxi tammonta għal €932.20. Il-membri qablu li għandhom jinġabru aktar kwotazzjonijiet.

87.6.17 Korrispondenza minn TM li rċevew applikazzjoni għal reserved disabled bay ta' P Agius fi Triq in-Naħla. Il-membri nnotaw il-kontenut.

87.6.18 Korrispondenza rigward iċ-Charging Pillar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ta' Triq ix-Xagħra, Triq il-Batterija, Triq Oniċi u Triq il-Qbajjar ser isiru fejn talab il-Kunsill. Kompliet tgħid li ta' Triq is-Salini ser teħel iktar il-barra minn fejn propona l-Kunsill. Il-Kunsillier Cordina oġġezzjona għal dan u talab li teħel fuq ġewwa nett. Il-membri qablu li ssir talba f'dan ir-rigward. Qed jiġi propost ukoll li ssir charging pillar oħra fi Triq Santa Marija 'l fuq mill-Otters. Il-membri ma qablux ma din.

87.6.19 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ser jerġa jiġi mġedded l-kuntratt ta' l-iskrivana F. Cefai għal 3 snin oħra. Il-membri qablu.

87.6.20 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat wkoll lil membri li l-Asst. Principal tal-Kunsill L. Borg ilha fil-kariga għal aktar minn 5 snin u għalhekk skond memo 8/2015 tista' titla' skala 10. Għal dan il-għan ser tkun qed tieħu l-arretrati tas-sena l-oħra peress li l-5 snin skadew fi Frar 2023. Il-membri qablu.

87.6.21 Il-Kunsill ġie avviċinat minn V Cini li kien ser jagħmel il-photo frame fix-Xwejni fejn informa lil Kunsill li dan ix-xogħol hu ma jagħmlux. Il-membri qablu li jiġu avviċinati f'dan ir-rigward l-Għaqda ta' l-Armar.

87.6.22 Talba mingħand D Apap - Armwrestling Club biex jagħmel event fejn il-monument fil-front ta' Marsalforn nhar il-25 t'Awwissu 2024 mis-2pm 'l quddiem. Il-membri qablu li għandu japplika għal one day event.

87.6.23 Talba mingħand MA Buttigieg sabiex id-disabled parking bay fi Triq Kappillan Franġisk Vella tinżel aktar l-isfel lejn l-ispiżerija. Il-membri ma qablux ma din it-talba peress li dik il-parti tat-triq hija dejqa u diġa kien hemm deċiżjoni fuq din il-materja fix-xhur li għaddew.

87.6.24 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li hemm bżonn jinbidlu l-4 tyres tat-trakk tal-Bulky peress li hu double wheel. Il-membri qablu li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet.

87.6.25 Talba għal rimbors ta' spejjes għal ħsara li għamel fit-tyre fi Triq is-Sagħtrija lil J Saliba. Il-membri qablu li jingħata rimbors ta' €65 għal bdil tat-tyres.

## 87.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 56/2024 għall-perjodu ta' Marzu 2024 li tammonta għal €72,655.56 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 22 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun.

## 87.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-18.45 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Ħamis, 25 t'April 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv